***Worksheet* S6.3.3**
L-esperjenza tal-Maltin fit-Tieni Gwerra Dinjija

**IL-KRUHA TAL-GWERRA** (*drama storika – it-tielet parti*)


**Xelter minn ġewwa**

Caroline: Xelters x'inhuma, nann?

In-nannu: Dawn kienu bħal kmamar imħaffrin taħt l-art jew ġo xi għolja biex in-nies jistkennu fihom waqt il-ħbit mill-ajru. Il-gvern Ingliż kien iħaffer mina (qisha kuritur) fil-blat u l-familji kienu jħaffru kmamar għalihom mal-ġnub. Kull xelter kien ikollu żewġ daħliet, biex jekk bomba tordom daħla minnhom, in-nies ikunu jistgħu jużaw id-daħla l-oħra.

Charlene: Kif kontu tkunu tafu li ġejjin jattakkaw?

In-nannu: Konna nkunu nafu li ġejjin it-Taljani, għaliex kienu jindaqqu s-sireni. Dawn kienu jagħmlu ħoss qawwi li jinstema' mar-raħal kollu. Kif konna nisimgħu s-sirena, kulħadd, kbar u żgħar, konna mmorru niġru kemm nifilħu għal ġox-xelter. Konna noqogħdu fihom sakemm ma nibqgħux nisimgħu aktar l-ajruplani u l-bombi neżlin. Kif jieqfu konna noħorġu barra u kulhadd jitlaq jiġri biex jara jekk id-dar tiegħu għadhiex wieqfa jew le.

Francesca: Kos! U jekk id-dar tkun ġiet fuqha xi bomba?

In-nannu: Kienu mumenti ta' swied il-qalb. Wara l-attakk in-nies kienu jkunu mbikkija. Tfal jibku lil missierhom. Familji mifruda għaliex xi ħadd minn tal-familja spiċċa vittma tal-gwerra. Oh! Ma rridx niftakar kemm batejna! Djar imwaqqgħa, knejjes sbieħ imġarrfin, it-totoq għebu għax kullimkien ġebel u ħitan imwaqqgħin – ħerba sħiħa.

Roderick: U x'kontu tieklu, nann? Nimmaġina batejtu l-ġuħ!

In-nannu: Kien hawn għaks kbir dak iż-żmien. Il-bdiewa ma baqgħux jaħdmu l-għelieqi minħabba l-biża' tal-bombi. L-ikel kien skars wisq. Lanqas bil-flus ma kont issib tixtri. U flus ma kellniex! Kien hawn ġuħ kbir! Tfal, ftakru li sa Diċembru 1940, ftit xhur wara li bdiet il-gwerra, it-Taljani ġew jitfgħu l-bombi aktar minn mitejn darba!

Charlene: Nann, allura dejjem it-Taljani kienu jiġu jattakkaw?

In-nannu: Le! Aktar tard, Hitler induna li ma kienx faċli jirbaħ lil Malta malajr. Għalhekk beda jibgħat hu wkoll l-ajruplani Ġermaniżi. Dawn kienu perikolużi ferm. Kienu jattakkaw kollox. Kienu jinżlu fil-baxx ħafna sabiex il-mira tagħhom tkun eżatta u tħalli qerda ħafna ikbar. Dan ġara l-aktar fis-snin 1941 u 1942. Fil-fatt, f'dawn is-snin, niżlu fuq Malta aktar minn 10,000 tunnellata ta' bombi!

Klara: Illaħwa! Ara veru kien żmien ikrah meta tqis li tunnellata waħda fiha elf kilo! Aħseb u

ara 10,000 tunnellata!

Roderick: Allura Malta x'difiża kellha?

In-nannu: Kien hawn għadd ta' kanuni (imsejħa batteriji) madwar Malta u Għawdex biex is-suldati jisparaw fuq l-ajruplani tal-għedewwa hekk kif dawn jitbaxxew għall-attakk. Ir-radar għen ħafna biex is-suldati jindunaw minn qabel li jkunu ġejjin l-ajruplani tal-għedewwa u hekk ikunu lesti għalihom. Minħabba l-periklu ta' invażjoni, ix-xtut kienu mdawra bil-*barbed wire* u saru għadd ta' *pill-boxes* (kmamar żgħar tal-konkos b'toqob żgħar minn fejn is-suldati setgħu jisparaw bil-*machine-guns*) biex issir għassa fil-bajjiet u l-kampanja. Fil-bidu Malta kellha biss tliet ajruplani qodma, imlaqqma *Faith, Hope* u *Charity*.



**Pill-box moħbija bil-ġebel tas-sejjieħ**

Roderick: Tliet ajruplani biss?

In-nannu: Maż-żmien waslu aktar armamenti u ajruplani aħjar. Il-Maltin stinkaw ħafna u għenuhom immens lill-Ingliżi. Tant hu hekk, li fil-15 t'April 1942 ir-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra, ta salib ta' ġieħ, magħruf bħala l-*George Cross*, lill-poplu Malti kollu. Fuq is-salib hemm miktub b'ittri kbar: "FOR GALLANTRY".

Francesca: Issa qed nifhem! L-istess salib li hemm fuq il-bandiera Maltija!

In-nannu: Eżatt! Tana dak is-salib prezzjuż bħala turija ta' radd il-ħajr tal-kuraġġ li wera l-poplu Malti. Iżda tant kien ikrah dak iż-żmien li sal-10 ta' Mejju tal-1942, saru elfejn attakk mill-ajru – elfejn darba li ndaqqet is-sirena! Kien żmien tal-biża', żmien il-ġuħ. Malta kienet fit-tarf nett li ċċedi.

Francesca: Allura ħadd ma ġie jgħinna?

In-nannu: Għenuna ħafna, speċjalment l-Ingilterra u l-Amerika. Iżda kien diffiċli ħafna sabiex il-konvojs (vapuri bl-ikel u għajnuna oħra) jaslu f'Malta. Dan għaliex l-ajruplani Ġermaniżi kienu jisparaw u jitfgħu l-bombi fuq dawn il-vapuri kbar biex jgħarrquhom. U b'hekk Malta jkollha ċċedi. F'Mejju 1942 l-ikel f'Malta kien spiċċa kważi għal kollox. Ġew organizzati l-*victory kitchens* sabiex il-ftit ikel li kien baqa' jitqassam bejn kulħadd. Kellu jitlaqqa' konvoj bl-għajnuna għal Malta. B'kollox kienu ġejjin 14-il vapur; 9 minnhom sfaw mgħarrqa.

Roderick: Ma rnexxilhomx jidħlu fil-Port il-Kbir?

In-nannu: Fit-13 t'Awissu 1942, waslu Malta 3 vapuri. Dawn kienu Port Chalmers, Melbourne Star u Rochester Castle. Jumejn wara, jiġifieri fil-15 ta' Awwissu, waslu Brisbane Star kif ukoll it-tanker Ohio li kien milqut ħafna; għal ftit m'għeriqx.

Klara: Min jaf kemm ferħu ħutna l-Maltin dakinhar!

In-nannu: Fraħna bil-kbir! Kien hemm mumenti ta' ferħ kbir hekk kif il-vapuri daħlu fil-port. Kien jum memorabbli. Kien jum ta' tama. Kien jum li fih it-talb li tlabna fix-xelters instema'.

Caroline: U kienet ukoll il-festa ta' Santa Marija!

| | |
|---|---|
| In-nannu: | M'hawnx għalik, kien Jum it-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna!  Għalhekk baqa' jissejjaħ "Il-Konvoj ta' Santa Marija". |
| Francesca: | Nann, veru qed nieħu gost nisma' dwar is-sehem ta' Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija. |
| Charlene: | Jien ukoll nann.  U bilħaqq, it-tfal kienu jmorru skola? |
| Roderick: | U kienu jilagħbu xi logħba? |
| In-nannu: | Skola ftit konna mmorru minħabba l-attakki l-ħin kollu. Ħafna drabi konna nilagħbu għat-taparsi qed niġġieldu jew nisparaw lil  xulxin!  Imma ħafna tfal kienu jkunu morda b'mard serju li kien ġej minħabba nuqqas ta' ikel tajjeb u ħmieġ. |
| Klara: | Jaħasra kemm batejtu bla ħtija!  U Nann, bilħaqq, Għawdex intlaqat fi żmien it-Tieni Gwerra? |
| In-nannu: | Iva, ukoll.  Il-Gżira tat-Tliet Għoljiet sofriet u bkiet bħal oħtha Malta.  Dan ġara speċjalment meta waslu l-*Luftwaffe* (il-qawwa tal-ajru Ġermaniża) li attakkat imkejjen bħall-Port tal-Imġarr, ħdejn il-knisja ta' Lourdes u twaqqgħu anki djar fir-Rabat u f'Għajnsielem.  Niftakar fil-fatt fil-familja Grech minn Triq Ħamri, ġewwa Għajnsielem, li ntemmet kollha kemm hi meta waqgħet bomba fuq id-dar tagħhom! Mietu kollha, jaħasra! |
| Roderick: | Imbagħad meta spiċċat il-gwerra? |
| In-nannu: | Il-gwerra baqgħet sejra sal-1945, iżda matul l-1943 l-attakki mill-ajru fuq Malta bdew jonqsu ftit ftit sakemm waqfu għal kollox meta l-Italja ċediet f'Settembru tal-1943. Huwa għalhekk li fit-8 ta' Settembru ssir it-tifkira taż-żewġ assedji: l-Assedju l-Kbir tal-1565 u tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija għal Malta. |
| Caroline: | Prosit nann! Kemm taf tirrakkonta! |
| In-nannu: | Dak li għedtilkom ftakruh.  Fil-gwerra m'hemmx rebbieħa u telliefa.  Il-kruha tal-gwerra hi xi ħaġa ta' min jistmerra.  Isbaħ mill-għaqda u l-paċi m'hemm xejn. Imma issa, ara, griżmejja nħosshom nixfu.  Mhux aħjar mmorru nieħdu kafè ġenwin kif iħobbuh ħbiebna r-Rumani! |
| It-tfal: | Iva, Nann!  Tassew għandek bżonn. Grazzi. |

**Wieġeb il-mistoqsijiet**.

1. Semmi xi ħsarat li ġarrbu l-Gżejjer Maltin matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

2. Għalfejn ix-xtut ġew imdawra bil-*barbed wire*?

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

3. X'użu kellu r-radar matul it-Tieni Gwerra Dinjija?

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

4. Liema kienu l-agħar snin tal-gwerra għal Malta u għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Għaliex taħseb li Malta ma waqgħetx f'idejn l-għedewwa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Għaliex il-gwerra f'Malta waqfet qabel ma ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. X'effetti ħalliet il-gwerra fuq missirijietna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Għaliex taħseb li n-nannu qal "fil-gwerra m'hemmx rebbieħa u telliefa"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. X'jisimha l-għaqda internazzjonali li twaqqfet wara l-gwerra sabiex il-paċi tkun imħarsa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________